



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

12 ta' Ġunju 2014*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Artikolu 56 TFUE — Logħob tal-ażżard — Leġiżlazzjoni li tipprekludi logħob tal-ażżard permezz tal-internet li ma kinitx applikabbli, għal perijodu limitat, f'entità federali ta' Stat Membru — Koerenza — Proporzjonalità”

Fil-Kawża C-156/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja), permezz tad-deċiżjoni tal-24 ta' Jannar 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Marzu 2013, fil-proċedura

Digibet Ltd,

Gert Albers

vs

Westdeutsche Lotterie GmbH & Co. OHG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, C. G. Fernlund, A. Ó Caoimh, C. Toader (Relatur), u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' April 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Digibet Ltd u M. Albers, minn R. Reichert u U. Karpenstein, avukati, kif ukoll minn R. A. Jacchia, avukat,
- għal Westdeutsche Lotterie GmbH & Co. OHG, minn M. Hecker, M. Ruttig u M. Pagenkopf, avukati,
- għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Möller, bħala aġenti,
- għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck, M. Jacobs u C. Pochet, bħala aġenti, kif ukoll minn R. Verbeke, avukat,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

- għall-Gvern Malti, minn A. Buhagiar, bħala aġent,
- għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes kif ukoll minn P. de Sousa Inês u A. Silva Coelho, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn F.W. Bulst u I.V. Rogalski kif ukoll minn H. Tserepa-Lacombe, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE.
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Digibet Ltd (iktar 'il quddiem "Digibet") u G. Albers, u min-naħa l-oħra, Westdeutsche Lotterie GmbH & Co. OHG (iktar 'il quddiem "Westdeutsche Lotterie") dwar il-projbizzjoni tal-offerta ta' logħob tal-ażżard permezz tal-internet minn Digibet.

Il-kuntest ġuridiku Ġermaniż

- 3 Skont l-Artikoli 70 u 72 tal-Liġi Fundamentali Ġermaniża, il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-logħob tal-ażżard taqa' taħt il-kompetenza tal-Länder.
- 4 Konsegwentement, fl-2008, is-sittax-il Länder adottaw trattat tal-Istat dwar il-logħob tal-ażżard (Glücksspielstaatsvertrag, iktar 'il quddiem il-"GlüStV 2008"), li permezz tiegħu huma stabbilixxew regoli komuni f'dan il-qasam. Dan it-trattat kien jipprovdi li r-regoli tiegħu jkunu applikabbli għal erba' snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2008, u għalhekk id-data ta' skadenza ta' tali trattat kienet il-31 ta' Diċembru 2011.
- 5 Fl-2012, it-trattat ta' emenda fil-qasam tal-logħob tal-ażżard (Glücksspieländerungsstaatsvertrag, iktar 'il quddiem il-"GlüStV 2012"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2012, segwa l-GlüStV 2008. Inizjalment, dan it-trattat ġie rratifikat mil-Länder kollha, għajr il-Land ta' Schleswig-Holstein.
- 6 Fl-20 ta' Ottubru 2011, il-Land ta' Schleswig-Holstein fil-fatt adotta Liġi dwar ir-riorganizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard (Gesetz zur Neuordnung des Glücksspiels, GVOB1. Sch.-H, p. 280, iktar 'il quddiem il-"GlSpielG SH"), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012, bil-għan li tilliberalizza l-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-logħob tal-ażżard.
- 7 Kuntrarjament għall-Artikolu 5(3) tal-GlüStV 2008, l-Artikolu 26 tal-GlSpielG SH awtorizza, fil-prinċipju, ir-reklamar tal-logħob tal-ażżard pubbliku fuq it-televiżjoni jew fuq l-internet.
- 8 Bis-saħħa tal-GlSpielG SH, l-organizzazzjoni u l-medjazzjoni tal-logħob tal-ażżard pubbliku permezz tal-internet ma humiex iktar preklużi. Għalkemm awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Land kienet dejjem meħtieġa sabiex dawn jitwettqu, l-awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-imħatri pubbliċi kellha madankollu tingħata lil kull ċittadin u lil kull persuna ġuridika fl-Unjoni Ewropea għaladarba ċerti kundizzjonijiet oġġettivi kienu ssodisfatti.

- 9 Għal-Länder l-oħra kollha, skont l-Artikolu 4(4) u l-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(3) tal-GlStV 2012, l-organizzazzjoni u l-medjazzjoni tal-logħob tal-ażżard pubbliku permezz tal-internet u r-reklamar għal-logħob tal-ażżard pubbliku fuq it-telewizjoni, fuq l-internet jew fuq netwerks ta' telekomunikazzjoni jibqgħu, fil-prinċipju, preklużi. Fil-fatt, skont dan it-trattat, l-użu tal-internet għal dawn il-finijiet jista' biss jiġi awtorizzat eċċezzjonalment u skont ċerti kundizzjonijiet, għal-lotteriji jew għall-imħatri relatati mal-isports, sabiex tiġi proposta alternattiva xierqa għall-offerta illegali tal-logħob tal-ażżard jew sabiex jiġu miġġielda l-iżvilupp u l-espansjoni ta' dan l-aħħar tip ta' logħob.
- 10 Il-leġislażżjoni l-iktar libera fil-qasam tal-logħob tal-ażżard applikabbli fil-Land ta' Schleswig-Holstein ma baqgħetx fis-seħħ wara d-9 ta' Frar 2013, meta l-Land adotta l-GlStV 2012, li d-dispożizzjonijiet komuni tagħha ssostitwixxew dawk tal-GlSpielG SH. Madankollu, skont il-GlSpielG SH, il-Land ta' Schleswig-Holstein ħareġ serje ta' awtorizzazzjonijiet lill-operaturi, sabiex joffri logħob tal-ażżard permezz tal-internet, li baqgħu validi għal perijodu tranżitorju anki wara l-abrogazzjoni tal-GlSpielG SH.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 11 Il-Westdeutsche Lotterie hija l-kumpannija tal-lotterija pubblika ta' Nordrhein-Westfalen. Digibet, kumpannija li s-sede tagħha jinsab f'Ġibiltà, toffri, bi hłas, permezz tas-sit internet "digibet.com", logħob tal-ażżard u mħatri dwar l-isports bil-lingwa Ġermaniża. Hija proprjetarja ta' liċenzja tal-logħob maħruġa mill-Ġibiltà. G. Albers huwa d-direttur ta' Digibet.
- 12 Il-Westdeutsche Lotterie tikkunsidra li l-offerta proposta minn Digibet hija antikompetittiva sa fejn tikser ċerti regoli applikabbli għal-logħob tal-ażżard. Wara li tressqu proċeduri minn Westdeutsche Lotterie quddiem il-Landgericht Köln, din il-qorti, permezz ta' sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, ordnat lil Digibet u lil G. Albers, *inter alia*, jieqfu joffru logħob tal-ażżard permezz tal-internet u bi hłas, lil persuni fit-territorju Ġermaniż, f'kuntest kummerċjali u għall-finijiet kompetittivi.
- 13 Adita b'appell ippreżentat minn Digibet u G. Albers, l-Oberlandesgericht Köln ċaħdet l-appell tagħhom u kkonfermat, fit-3 ta' Settembru 2010, is-sentenza fl-ewwel istanza.
- 14 Dawn tal-aħħar ippreżentaw appell fuq punti ta' liġi kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, billi talbu ċ-ċaħda sħiħa tal-ażżjoni inizjali tal-Westdeutsche Lotterie.
- 15 Il-Bundesgerichtshof hija tal-fehma li, fid-dawl tal-emendi leġislattivi li seħħew mill-1 ta' Jannar 2012 fil-Land ta' Schleswig-Holstein, l-appell fuq punti ta' liġi jista' jintlaqa' abbażi ta' ksur tal-libertà li jiġu pprovdu servizzi stabbilita mid-dritt tal-Unjoni. Hija tfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eċċezzjonijiet u r-restrizzjonijiet għal-leġislażżjoni li tillimita l-attivitajiet tal-logħob tal-ażżard għandhom ikunu suġġetti għal kontroll ta' koerenza sabiex jiġi vverifikat jekk jaffettwawx il-kapaċità ta' din il-leġislażżjoni li tilħaq l-għanijiet leġittimi tagħha ta' interess ġenerali (ara sentenza Carmen Media Group, C-46/08, EU:C:2010:505, punti 106 *et seq*). F'dan il-kuntest, is-sitwazzjoni legali differenti ta' Land meta mqabbla ma' dik ta' Länder oħra, tista' timplika l-inapplicabbiltà ta' restrizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni u għar-reklamar tal-logħob tal-ażżard fuq l-internet fil-Länder l-oħra, minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni, b'mod li projbizzjoni ta' medjazzjoni u ta' organizzazzjoni *online* tal-logħob tal-ażżard tkun mingħajr bażi.
- 16 Skont din il-qorti, ikun madankollu inadattat u inkonsistenti mal-prinċipju ta' proporzjonalità li l-Länder l-oħra kollha jiġu preklużi milli jeżerċitaw il-prerogattiva, li jirrikonossilhom id-dritt tal-Unjoni, li jiddeċiedu huma stess jekk hemmx lok li jiġu preklużi totalment jew parzjalment ċerti attivitajiet tal-logħob tal-ażżard jew jekk huwix suffiċjenti li jiġu limitati jew li jiġu stabbiliti għal dan il-għan kundizzjonijiet ta' kontroll ftit jew wisq stretti (ara sentenza Carmen Media Group, EU:C:2010:505, punt 58) sempliċement peress li Land wieħed irid jintroduċi leġislażżjoni derogatorja.

F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont il-Kostituzzjoni Federali, Land ma jistax jiġi obbligat, la mill-Istat federali u lanqas minn Länder oħra, jadotta leġislazzjoni partikolari f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Länder.

- 17 Fl-aħħar nett, din il-qorti tosserva li, fis-setturi mhux armonizzati bħal dawk tal-logħob tal-ażżard, ma għandhiex issir distinzjoni bejn il-konsegwenzi prattiċi ta' kwalunkwe inkoerenz eventwali kkawżati bid-differenzi bejn il-Länder ta' Stat Federali fis-suq intern, u kwalunkwe liġijiet eventwalment diverġenti li jista' jkun hemm bejn Stat Membri żgħar u kbar u li għandhom jiġu ammessi fid-dritt tal-Unjoni.
- 18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

- “1) Jikkostitwixxi restrizzjoni inkoerenti għall-attività tal-logħob tal-ażżard, il-fatt li, minn naħa, fi Stat Membru kkonstitwit taħt il-forma ta' Stat Federali, l-organizzazzjoni u l-intermedjazzjoni tal-logħob tal-ażżard pubbliku permezz tal-internet ikunu, bħala prinċipju, ipprojbti permezz tal-leġislazzjoni fis-seħħ fil-parti l-kbira tal-Länder u li huma jistgħu jiġu awtorizzati biss, mhux bħala dritt kweżit, għal-lotteriji u l-imħatri fuq kompetizzjonijiet sportivi sabiex tkun disponibbli alternattiva xierqa għall-offerta illegali ta' logħob tal-ażżard kif ukoll ġlieda kontra l-iżvilupp tagħha u l-espansjoni tagħha, filwaqt li, min-naħa l-oħra, f'Land ta' dan l-Istat Membru, il-leġislazzjoni fis-seħħ tipprevedi li kull ċittadin tal-Unjoni u kull persuna ġuridika legalment assimilata għandha, taħt ċerti kundizzjonijiet oġġettivi ddefiniti sew, tingħata awtorizzazzjoni sabiex tikkummerċjalizza l-imħatri fuq kompetizzjonijiet sportivi permezz tal-internet, u li dan ikun jista' jikkomprometti l-kapaċità tar-restrizzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard permezz tal-internet applikabbli fil-bqija tat-territorju Federali sabiex jitwettqu l-għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li hija ssegwi?
- 2) Ir-risposta għall-ewwel domanda tiddependi mill-kwistjoni jekk is-sitwazzjoni legali derogatorja f'Land tqajjimx dubju jew tikkomprometti b'mod serju l-kapaċità tar-restrizzjonijiet għal-logħob tal-ażżard applikabbli fil-Länder l-oħra sabiex jitwettqu l-għanijiet leġittimi ta' interess ġenerali li huma jsegwu?
- 3) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: L-inkoerenza ma tibqax teżisti jekk il-Land li għandu l-leġislazzjoni derogatorja jadotta r-restrizzjonijiet għal-logħob tal-ażżard applikabbli fil-Länder l-oħra, anki jekk il-leġislazzjonijiet eżistenti li huma iktar favorevoli għal-logħob tal-ażżard fuq l-internet kienu miżmuma f'dan il-Land matul perijodu ta' tranżizzjoni ta' diversi snin fir-rigward tal-konċessjonijiet li huma diġà mogħtija fih, peress li dawn ir-restrizzjonijiet ma jistgħux jiġu rtirati jew jistgħu jiġu rtirati biss inkambju ta' kumpens li diffiċilment jista' jiġi sosnut għal-Land?
- 4) Ir-risposta għat-tielet domanda tiddependi mill-kwistjoni jekk, matul il-perijodu ta' tranżizzjoni ta' diversi snin, l-effikaċità tar-restrizzjonijiet għal-logħob tal-ażżard applikabbli fil-Länder l-oħra tiġi kkontestata jew kompromessa b'mod serju?”

Fuq id-domandi preliminari

- 19 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, wara d-digriet tar-rinviju, il-Land ta' Schleswig-Holstein adotta l-GlöstV 2012 u abroga l-GlSpielG SH, b'effett mit-8 ta' Frar 2013, filwaqt li baqa' jqis validi l-awtorizzazzjonijiet mogħtija matul perijodu tranżitorju.
- 20 Fid-dawl ta' dan il-punt, għandu jitqies li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati konġuntament, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 56 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni komuni għall-maġġoranza tal-entitajiet federali ta' Stat

Membri, li għandu struttura federali, li tipprekludi, fil-prinċipju, l-organizzazzjoni u l-medjazzjoni tal-logħob tal-ażżard permezz tal-internet, fejn, matul perijodu limitat, entità federali waħda tkun żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni iktar liberali koeżistenti ma' leġiżlazzjoni restrittiva f'entitajiet federali oħra u li l-imsemmija entità tkun ħarġet awtorizzazzjonijiet lil operaturi sabiex toffri logħob fuq l-internet validi matul perijodu tranżitorju wara l-abrogazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni iktar liberali.

- 21 Huwa paċifiku li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprekludi, fil-prinċipju, ir-reklamar, l-organizzazzjoni u l-medjazzjoni tal-logħob tal-ażżard pubbliku permezz tal-internet, tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE (ara sentenza *Stoß et*, C-316/07, C-358/07 sa C-360/07, C-409/07 u C-410/07, EU:C:2010:504, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 22 Għandu madankollu jiġi eżaminat jekk tali restrizzjoni tistax tiġi awtorizzata bħala miżura derogatorja, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika, kif previst espressament fl-Artikoli 51 TFUE u 52 TFUE, applikabbli wkoll għall-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi bis-saħħa tal-Artikolu 62 TFUE, jew iġġustifikata, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (sentenzi *Garkals*, C-470/11, EU:C:2012:505, punt 35 u *Stanleybet International et*, C-186/11 u C-209/11, EU:C:2013:33, punt 22, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 23 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-restrizzjonijiet għall-attivitajiet tal-logħob tal-ażżard jistgħu jkunu iġġustifikati b'raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħall-protezzjoni tal-konsumaturi u l-prevenzjoni tal-frodi u tal-inkoraġġiment taċ-ċittadini għal infiq eċċessiv marbut mal-logħob (sentenzi *Garkals*, EU:C:2012:505, punt 39, u *Stanleybet International et*, EU:C:2013:33, punt 23, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 24 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet diversi drabi li l-leġiżlazzjoni tal-logħob tal-ażżard tagħmel parti mill-oqsma li fihom jeżistu diverġenzi kunsiderevoli ta' natura morali, reliġjuża u kulturali bejn l-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' tali armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni f'dan il-qasam, kull Stat Membru għandu jevalwa, f'dawn l-oqsma, skont l-iskala tiegħu ta' valuri, ir-rekwiżiti tal-osservanza tal-interessi inkwistjoni (sentenzi *Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International*, C-42/07, EU:C:2009:519, punt 57 u *Stanleybet International et*, EU:C:2013:33, punt 24, u l-ġurisprudenza ċċitata); l-identifikazzjoni tal-għanijiet effettivament mixtieqa mill-leġiżlazzjoni nazzjonali taqa', fil-kuntest ta' kawża li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju (sentenzi *Dickinger u Ömer*, C-347/09, EU:C:2011:582, punt 51 u *Stanleybet International et*, EU:C:2013:33, punt 26).
- 25 Fil-każ inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju ma tqajjimx domandi dwar il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni inkwistjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.
- 26 Madankollu, hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rekwiżit li r-restrizzjonijiet imposti mill-Istati Membri għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni li jikkonċernawha, kif stabbilit mill-ġurisprudenza u, b'mod partikolari, dwar il-kundizzjoni li leġiżlazzjoni nazzjonali tkun biss adatta li tiggarantixxi t-twettiq tal-għan invokat jekk tissodisfa ġenwinament it-tħassib li tali għan jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku (ara sentenza *Stanleybet International et*, EU:C:2013:33, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 27 Il-qorti tar-rinviju tixtieq għalhekk tkun taf jekk in-natura proporzjonata u koerenti tal-leġiżlazzjoni restrittiva fl-intier tagħha, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tistax tiġi kkonfutata, fid-dawl tal-eżistenza, matul perijodu limitat, ta' leġiżlazzjoni iktar liberali fil-Land ta' Schleswig-Holstein biss.
- 28 Kemm Digibet kif ukoll G. Albers u l-Gvern Malti jsostnu li n-nuqqas ta' koerenza tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tinsilet b'mod partikolari mill-qari tal-punti 69 u 70 tas-sentenza *Carmen Media Group* (EU:C:2010:505), li jipprovdut li l-awtoritajiet tal-Land ikkonċernat

u l-awtoritajiet federali huma konġuntament obbligati jissodisfaw l-obbligu tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li ma tiksirx l-Artikolu 56 TFUE, b'mod li huma marbuta, għal dan il-għan, jikkoordinaw l-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

- 29 Barra minn hekk, billi jirreferu għall-istruttura federali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, huma jinwokaw il-punt 61 tas-sentenza Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503), li jipprovdi li regoli tad-dritt nazzjonali, anki ta' natura kostituzzjonali, ma jistgħux jippreġudikaw l-unità u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni.
- 30 Min-naħa l-oħra, il-Westdeutsche Lotterie, il-Gvernijiet tal-Ġermanja, tal-Belġju u tal-Portugall kif ukoll il-Kummissjoni jqisu li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fin-negattiv u li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-GlüStV 2012 ma tikkostitwixx restrizzjoni sproporzjonata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.
- 31 F'dan ir-rigward, għandha tiġi osservata qabel xejn in-natura partikolari tal-oqsma tal-logħob tal-ażżard fejn, għad-differenza tal-introduzzjoni ta' kompetizzjoni libera u mhux distorta fi ħdan suq tradizzjonali, il-preżenza ta' tali kompetizzjoni f'dan is-suq speċifiku, jiġifieri bejn diversi operaturi li huma awtorizzati joperaw l-istess logħob tal-ażżard, tista' timplika effett detrimentali, fid-dawl tal-fatt li dawn l-operaturi jkunu inklinati jikkompetu bejniethom fuq il-kreattività sabiex irendu l-offerta tagħhom iktar attraenti minn dik tal-kompetituri tagħhom u, b'dan il-mod, iżidu l-ispejjeż tal-konsumaturi marbuta mal-logħob kif ukoll ir-riskji ta' dipendenza ta' dawn tal-aħħar (ara sentenza Stanleybet International *et*, EU:C:2013:33, punt 45).
- 32 Għaldaqstant, u għar-raġunijiet invokati fil-punt 24 ta' din is-sentenza, fil-qasam partikolari tal-organizzazzjoni tal-logħob tal-ażżard, l-awtoritajiet nazzjonali jibbenefikaw minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex jiddeterminaw ir-rekwiżiti li timplika l-protezzjoni tal-konsumatur u l-ordni fis-soċjetà u, sa fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja huma barra minn hekk osservati, kull Stat Membru għandu jevalwa jekk, fil-kuntest tal-għanijiet leġittimi tiegħu, jekk huwiex neċessarju li jiġu preklużi totalment jew parzjalment ċerti attivitajiet tal-logħob tal-ażżard jew jekk huwiex suffiċjenti li jiġu limitati jew li jiġu stabbiliti għal dan il-għan kundizzjonijiet ta' kontroll ftit jew wisq stretti (ara, f'dan is-sens, sentenzi Stanleybet International *et*, EU:C:2013:33, punt 44, u Dickinger u Ömer, EU:C:2011:582, punt 99).
- 33 Sussegwentement, għandu jifakkar li, meta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat jew tar-regolamenti jagħtu setgħat lill-Istati Membri jew jimponu fuqhom obbligi għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-kwistjoni dwar b'liema mod l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat u l-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi jista' jiġi fdat mill-Istati lil organi interni speċifiċi taqa' biss taħt is-sistema kostituzzjonali ta' kull Stat (sentenza Horvath, C-428/07, EU:C:2009:458, punt 49). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà sostniet li, fi Stat bħar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-leġiżlatur jista' jqis li, fl-interess tal-persuni kollha kkonċernati, huma l-Länder u mhux l-awtoritajiet federali li għandhom jadottaw ċerti miżuri leġiżlattivi (ara, f'dan is-sens, sentenza Fuchs u Köhler, C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 55).
- 34 Fil-kawża inkwistjoni, it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Länder ma tistax tiġi kkonfutata, peress li dan jibbenefika bil-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 4(2) TUE, li jipprovdi li l-Unjoni għandha tosserva l-identità nazzjonali tal-Istati Membri, inerenti għall-istrutturi fundamentali politiċi u kostituzzjonali, inkluż dawk li jikkonċernaw l-awtonomija lokali u reġjonali.
- 35 Barra minn hekk, tista' ssir distinzjoni bejn iċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti u dawk tal-kawża li tat lok għas-sentenza Carmen Media Group (EU:C:2010:505), peress li, fil-kawża prinċipali, ma hemmx inkwistjoni r-relazzjoni u l-eventwali dmir ta' koordinazzjoni vertikali bejn l-awtoritajiet tal-Länder ikkonċernat u l-awtoritajiet federali, iżda r-relazzjoni orizzontali bejn il-Länder li jibbenefikaw mill-kompetenzi leġiżlattivi fil-kuntest ta' Stat Membru li għandu struttura federali.

- 36 Fl-aħħar nett, anki jekk jitqies li leġiżlazzjoni ta' Land, iktar liberali minn dik fis-seħħ f'Länder oħra, tista' possibbilment tipperikola l-koerenza tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fl-intier tagħha, għandu jiġi osservat li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, tali eventwali dannu għall-koerenza ġie limitat *ratione temporis* u *ratione loci* għal Land wieħed. Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut li s-sitwazzjoni legali derogatorja f'Land taffettwa serjament in-natura adatta tar-restrizzjonijiet għal-logħob tal-ażżard applikabbli fil-Länder l-oħra kollha li jwettqu għaniġiet leġittimi ta' interess ġenerali.
- 37 Fil-fatt, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Ġermaniż u tal-Westdeutsche Lotterie, il-leġiżlazzjoni l-iktar liberali fil-qasam tal-logħob tal-ażżard adottata mil-Land ta' Schleswig-Holstein baqgħet fis-seħħ bejn l-1 ta' Jannar 2012 u t-8 ta' Frar 2013. Wara din l-aħħar data, dan il-Land applika regoli iktar restrittivi tal-GlüStV 2012, diġà fis-seħħ f'Länder oħra.
- 38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 28 u 29 tas-sentenza preżenti ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-ħmistax-il Länder l-oħra kellhom jadottaw il-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi fis-seħħ biss fil-Land ta' Schleswig-Holstein matul perijodu limitat.
- 39 Minn dan isegwi li r-restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-logħob tal-ażżard inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' proporzjonalità bħal dawk stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 40 Fi kwalunkwe każ, hemm lok li jtfakkar li hija l-qorti tar-rinviju li, b'kunsiderazzjoni għall-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tivverifika jekk ir-restrizzjonijiet imposti mill-Istat Membru kkonċernat jissodisfawx il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward il-proporzjonalità tagħhom (ara sentenza Dickinger u Ömer, EU:C:2011:582, punt 50).
- 41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi preliminari għandha tkun li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni komuni għall-maġġoranza tal-entitajiet federali ta' Stat Membru li għandu struttura federali li tipprekludi, fil-prinċipju, l-organizzazzjoni u l-medjazzjoni tal-logħob tal-ażżard permezz tal-internet, fejn, matul perijodu limitat, entità federali waħda tkun żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni iktar liberali koeżistenti ma' leġiżlazzjoni restrittiva f'entitajiet federali oħra, sa fejn tali leġiżlazzjoni tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' proporzjonalità stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, aspekk li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

- 42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jstgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni komuni għall-maġġoranza tal-entitajiet federali ta' Stat Membru li għandu struttura federali li tipprekludi, fil-prinċipju, l-organizzazzjoni u l-medjazzjoni tal-logħob tal-ażżard permezz tal-internet, fejn, matul perijodu limitat, entità federali waħda tkun żammet fis-seħħ leġiżlazzjoni iktar liberali koeżistenti ma' leġiżlazzjoni restrittiva f'entitajiet federali oħra, sa fejn tali leġiżlazzjoni tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' proporzjonalità stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, aspekk li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Firem